MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2011

Citazzjoni Numru. 37/2003

Maria Theresa xebba Spiteri
f’isimha. Proprju u għan-nom ta’ ħutha msefrin
Francis, Alessio,
Josephine mart Nazzareno Galea, u
Carmela mart Joseph Spiteri, aħwa Spiteri ;
Emanuel Spiteri, Anthony Spiteri,
Paola xebba Spiteri,
Mary Rose mart Alfred Carabott, u
Eugenia mart Paul Galea, aħwa Spiteri
lkoll ulied il-mejjet Paul Spiteri ;
Antonia mart Victor Mercieca
f’isimha Proprju u ghan-nom ta’ ħuha msiefer
Carmelo Buttigieg;
Rose xebba Buttigieg, aħwa Buttigieg
ulied il-mejta Concetta Buttigieg ;
Michael Buttigieg, u Josette mart Coronato Said,
ahwa Buttigieg ulied il-mejjet Francis Buttigieg;
Diana mart Paul Spiteri,
Rose mart Alfred Mansueto f’isimha u
ghan-nom ta’ ħuha msiefer Joseph Sultana,

aħwa Sultana lkoll ulied il-mejta Carmela Sultana ;
Mary, xebba, u Robert f'ismu proprju u
għan-nom ta' ħutu msefrin Edward, Francis, Mario,
Michelino sive Lino, Rosanne mart Eugene Teddy,
aħwa Spiteri lkoll ulied il-mejjet Joseph Spiteri .

VS

Carmelo u Josephine konjuġi Cauchi.

Il-Qorti,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew illi:

Illi l-atturi Robert Spiteri flimkien ma' ħutu Edward, Francis, Mario, Rosanne mart Eugene Teddy, Mary, xebba, u Lino, aħwa Spiteri, huma proprjetarji *pro indiviso* u fil-pussess ta' porzjon diviża numru wieħed (1) fuq l-annessa pjanta markata A, mill-għalqa msejħa "Tal-Palma" limiti Qala, Għawdex, tal-kejl ta' ċirka tliet mija u sebgħin metri kwadri (370 m.k.), u konfinanti mit-tramuntana ma' beni ta' Joseph Portelli, nofsinhar ma' Triq l-Imġarr, lvant ma' beni tal-eredi ta' John Cauchi fosthom il-konvenut Carmelo Cauchi, u punent mal-porzjon numru tnejn (2) deskritta hawn taħt ;

Illi l-atturi Antonia mart Victor Mercieca, Carmelo Buttigieg, Rosa xebba Buttigieg, Michael Buttigieg, u Josette Said, huma proprjetarji *pro indiviso* u fil-pussess ta' porzjon diviża numru tnejn (2) fuq l-annessa pjanta markata A, mill-għalqa msejħa "Tal-Palma" limiti Qala, Għawdex, tal-kejl ta' ċirka tliet mija u sebgħin metri kwadri (370m.k.), u konfinanti mit-tramunata ma' beni ta' Joseph Portelli, nofsinhar ma' Triq l-Imġarr, lvant mal-porzjon fuq deskritta, u punent mal-porzjoni numru tlieta (3) hawn taħt deskritta ;

Illi l-atturi Maria Theresa Spiteri flimkien ma' ħutha Francis, Alessio, Josephine mart Nazzareno Galea, Carmela mart Joseph Spiteri, Emanuel, Anthony, Paola,

Mary Rose mart Alfred Carabott, u Eugenio mart Paul Galea, huma proprjetarji *pro indiviso* u fil-pussess ta' porzjon diviża numru tlieta (3) fuq l-annessa pjanta markata A, mill-għalqa msejħa "Tal-Palma" limiti Qala, Għawdex, tal-kejl ta' ċirka tliet mija u sebgħin metri kwadri (370 m.k.), u konfinanti mit-tramuntana ma' beni ta' Joseph Portelli, nofsinhar ma' Triq l-Imgarr, lvant mal-porzjoni numru tnejn (2) fuq deskritta u punent mal-porzjoni numru erbgħa (4) hawn taħt deskritta ;

Illi l-attur Diana mart Paul Spiteri, Rose mart Alfred Mansueto u Joseph Sultana, huma proprjetarji *pro indiviso* u fil-pussess ta' porzjon diviża numru erbgħa (4) fuq l-annessa pjanta markata A, mill-għalqa msejħa "Tal-Palma" limiti Qala, Għawdex, tal-kejl ta' ċirka tliet mija u sebgħin metri kwadri (370m.k.), u konfinanti mit-tramuntana ma' beni ta' Joseph Portelli, nofsinhar ma' Triq l-Imgarr, lvant mal-porzjoni numru tlieta (3) fuq deskritta, u punent ma' beni ta' John Baptist Tabone ;

Illi l-erba' porzjonijiet hawn fuq deskritti oriġinarjament kienu jikkonsisti f'għalqa waħda li kienet tappartjeni u pposseduta minn Francesco u Rosa ġia konjuġi Spiteri li mietu rispettivament fl-erbgħa (4) ta' Ottubru elf disa' mija u disgħa u erbgħin (1949) u fid-disgħa (9) ta' Ottubru elf disa' mija u sitta u sebgħin (1976), u wirtuhom uliedhom Joseph Spiteri, missier l-atturi Robert Spiteri flimkien ma' ħutu Edward, Francis, Mario, Rosanne mart Eugene Teddy, Mary, xebba, u Michael, aħwa Spiteri; Concetta Buttigieg, omm l-atturi Antonia mart Victor Mercieca, Carmelo Buttigieg, u Rosa xebba Buttigieg, u n-nanna tal-atturi Michael Buttigieg, u Josette Said; Paul Spiteri missier l-atturi Maria Theresa Spiteri flimkien ma' ħutha Francis, Alessio, Josephine mart Nazzareno Galea, Carmela mart Joseph Spiteri, Emanuel, Anthony, Paola, Mary rose mart Alfred Carabott, u Eugenia mart Paul Galea; u Carmela Sultana, omm l-atturi Diana mart Paul Spiteri, rose mart Alfred Mansueto, u Joseph Sultana, li ġiet diviża fl-erba' porzjonijiet fuq deskritti u assenjata bejn l-erbat aħwa ulied il-mejtin francesco u Rosa Spiteri b'kuntratt ta' diviżjoni li sar fl-atti tan-nutar Dottor Joseph

Spiteri tat-tlieta (3) ta’ Gunju elf disa’ mija u tmienja u tmenin (1988) ;

Illi riċentement, u ċioe’ fit-22 ta’ Novembru 2002, u wara fid-29 ta’ Jannar 2003, il-konvenuti konjuġi Cauchi b’diversi atti kommessi minnhom immolestaw lill-atturi fil-pussess tal-art fuq deskritta billi daħlu fl-istess raba’ u ħadmu dan ir-raba u neħħew ukoll il-qsami li kienu saru meta l-atturi kienu qassmu l-proprjeta’ bil-kuntratt ta’ diviżjoni tat-3 ta’ Gunju, 1988, fuq imsemmi, kif ukoll għalqu l-entratura tal-atturi bil-ġebel ;
Illi minkejja li l-konvenuti ġew interpellati u sarulhom ukoll rapporti mal-pulizija Ezekuttiva sabiex jiddesistu mill-atti ta’ molestja fil-konfront tal-atturi, huma baqgħu inadempjenti .

Talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex m’għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara illi intom konvenuti bl-aġir tagħkom ikkommettejtu molestja tal-pussess a dannu u bi preġudizzju tal-atturi meta abbużivament dħaltu u ħdimtu r-raba fuq deskritt li tinsab validament fil-pussess tal-atturi u neħħejtu wkoll il-qsami li kien hemm jiddividu l-erba’ porzjonijiet fuq deskritti minn xulxin, u għalaqtu wkoll l-entratura tal-atturi bil-ġebel ;

2. Konsegwentement tikkundannakom sabiex tirripristinaw lill-atturi fil-pussess ta’ ħwejjiġhom billi tiġu ordnati tiddesistu milli tibqgħu tidħlu f’dan ir-raba u tħalluh a libera dispożizzjoni tal-atturi, u li treġġgħu kollox kif kien għall-istat qabel ma dħaltu l-ewwel darba fit-22 ta’ Novembru, 2002 .

Bl-ispejjeż inklużi tal-mandat ta’ inibizzjoni numru 10/2003, li l-atturi kienu kostretti li jintavolaw kontra l-konvenuti wara li kienu reġgħu daħlu fid-29 ta’ Jannar, 2003 .

Bl-inġunzjoni tal-konvenuti għas-subizzjoni li għaliha minn issa jinsabu mħarrkin .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi kkonfermata bil-ġurament ta' Maria Theresa Spiteri.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li eċċepew illi:

1. Illi preliminarjament jirriżulta mid-dikjarazzjoni tal-fatti li l-azzjoni odjerna ma tikkonċernax allegat pussess indiviż, iżda tikkonċerna l-allegat pussess ta' diversi biċċiet ta' art diviżi bejn xulxin u deskritti bħala porzjonijiet wieħed (1) sa erbgħa (4); tiġi eċċepita għaldaqstant in-nullita' taċ-ċitazzjoni attriċi in kwantu l-prova li jridu jagħmlu l-atturi dwar kull porzjon art, sija dwar l-allegat pussess u sija dwar l-allegata molestja, hija distinta u separata u li għaldaqstant kellha tkun l-oġġett ta' azzjoni individwali ;

2. Illi preliminarjament ukoll, l-*actio manutentionis* hija disponibbli biss għall-pussessur li jiġi molestat fil-pussess tiegħu iżda jibqa' fil-pussess u jitlob li jiġi mantnut u protett fil-pussess tiegħu; hija għaldaqstant insostenibbli talba għar-ripristinu fil-pussess fil-kuntest ta' *actio manutentionis,* u huwa inkonċiljabbli ma' xulxin talba għal dikjarazzjoni ta' molestja fil-pussess u talba għar-ripristinu fil-pussess ;

3. Illi fil-każ odjern, l-atturi u/jew l-awturi tagħhom kellhom titolu ta' qbiela fuq l-artijiet *de quo* mingħand l-awturi tal-konvenut, għal liema qbiela kienu rrinunzjaw volontarjament, b'mod illi llum il-ġurnata ma jistgħu jivvantaw l-ebda tip ta' pussess ;

4. Illi l-konvenut beda jaħdem l-artijiet *de quo* f'Novembru 2003 għan-nom tieghu u ta' ħutu u jinsab fil-pussess pjen tagħha, stante li qiegħed jokkupaha *animo domini, ż*eragħha u qiegħed jikkoltivaha, u għalaq kull aċċess għall-pubbliku, u għalhekk hija insostenibbli fil-konfront tiegħu l-*actio manutentionis* jew kwalsiasi azzjoni oħra pussessorja, u l-uniku rimedju li jista' talvolta jkollhom l-atturi jekk qegħdin jivvantaw titolu legali huwa fil-petitorja;

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri skond il-liġi .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-istess konvenuti maħlufa minn Carmelo Cauchi.

Rat is-sentenza *in parte* tagħha tas-26 ta’ Ottubru 2004 dwar iż-żewġ eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenuti.

Rat l-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenuti tas-6 ta' Novembru 2008, awtorizzata bid-digriet tagħha ta' l-24 ta' Ottubru 2008, u li permezz tagħha l-konvenuti eċċepew ukoll il-preskrizzjoni ai termini ta' l-artikolu 534 tal-Kodiċi Ċivili.
Rat il-digriet tagħha ta' l-20 ta' Mejju 2011 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat in-Noti ta’ l-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda prodotti, l-affidavits u dokumenti oħra esebiti.

Rat ukoll l-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 10/2003 fl-istess ismijiet u allegat permezz tad-digriet tagħha tas-27 ta' Jannar 2004.

Ikkunsidrat:

Il-permezz ta' din il-kawża l-atturi qegħdin ifittxu li jiġu mantnuti fil-pussess tal-porzjonijiet rispettivi tagħhom mill-għalqa magħrufa "tal-Ġebel l-Aħmar" jew "tal-Palma", limiti tal-Qala, Għawdex, kif deskritti fiċ-ċitazzjoni u murija fuq il-pjanta u *site plan* annessi ma' l-istess ċitazzjoni.[1] Huma qed jallegaw li ġew disturbati f'dan il-pussess mill-konvenuti meta dawn qabdu u daħlu f'dan ir-raba', qalgħu l-qsami li kienu għamlu xi żmien qabel l-atturi biex jiddistigwu l-porzjonijiet rispettivi tagħhom, u ħadmu l-istess art.

Il-Qorti ddisponiet mill-eċċezzjonijiet preliminari tal-konvenuti permezz tas-sentenza *in parte* tagħha tas-26 ta' Ottubru 2004. Fil-mertu l-konvenuti eċċepew li dak li għamlu għamluh fi ħwejjiġhom u kwalunkwe dritt li seta'

[1] Dok. A a fol. 6 tal-process .

kellhom l-atturi preċedentement meta kienu jokkupaw l-istess raba b'titolu ta' qbiela, kien spiċċa meta din ġiet rinunzjata żmien qabel. Eċċepew ulterjorment illi l-azzjoni ta' l-atturi kienet "*preskritta a tenur ta' l-artikolu 534 tal-kap. 16*."

Huwa evidenti li l-atturi qegħdin jeżerċitaw l-*actio manutentionis*. Dwar l-iskop ta' l-azzjonijiet possessorji r-**Ricci** jispjega illi:

"*il possesso…. e' costituito da una condizione di fatto che la legge, nell'interesse dell'ordine sociale, vuole sia rispettata. Nell'intento di assicurare questo rispetto, essa accorda l'esercizio delle azioni possessorie, il cui scopo e' appunto quello di conservare o di ristabilire una condizione di fatto che esige rispetto*." (Corso Teorico-Pratico di Diritto Civile. vol. V # 92).

Dawn l-azzjonijiet possessorji taħt il-Kodiċi Civili tagħna huma tnejn u ċioe':

(i) l-azzjoni sabiex il-pussessur jinżamm fil-pussess f'każ ta' molestja (art. 534); u

(ii) l-azzjoni għar-radd tal-pussess f'każ ta' spoll (art. 535).

Fl-ewwel każ l-attur li jkun ġie disturbat fil-pussess jitlob li ma jibqgħax jiġi mfixxkel fit-tgawdija tiegħu tal-ħaġa. Fit-tieni każ jitlob li jerġa' jitqiegħed fl-istat li kien qabel ma ġie mneżża bi vjolenza jew bil-moħbi minn dak il-pussess. Il-**Borsari** hekk ifissir id-distinzjoni bejn iż-żewġ azzjonijiet:

"*Chi e' molestato nel possesso puo' chiedere la manutenzione e chi e' stato spogliato del possesso puo' chiedere la reintegrazione: in quel caso il possesso si ritiene quantunque intorbidato dalla molestia, in questo il possesso e' perduto*." (Comm.Cod. Civ. Vol. II # 1186).

F'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fil-kawża fl-ismijiet: "**Grace Agius v. Angiolina Cutajar** (Kollez. XLIII. I. 97), insibu din id-definizzjoni klassika ta' l-elementi ta' l-azzjoni

possessorja tal-manutenzjoni: “*Sabiex din l-azzjoni tista’ tirnexxi jeħtieġ li jirrikorru erba’ elementi, u ċioe’:*

*(a) l-attur irid jipprova li l-azzjoni tiegħu tirrigwarda oġġett immobbli jew universalita’ ta’ ħwejjeġ mobbli;*
*(b) li huwa jinsab fil-pussess ta’ liema xorta jkun, tal-ħaġa,*

*(c) li jkun ġie mmolestat f’dan il-pussess, u*

*(d) li l-azzjoni tkun ġiet eżerċitata fi żmien sena mill-molestja. Inoltre, skond il-liġi, il-pussess irid ikun fis-sens tad-definizzjoni mogħtija mill-artikolu 524 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16). Huwa għalhekk indifferenti jekk il-pussess kienx leġittimu jew illeġittimu, in buona fede jew in mala fede u jekk ikollux bħala oġġett id-detenzjoni tal-ħaġa korporali jew it-tgawdija ta’ xi jedd, basta li dik id-detenzjoni u dik it-tgawdija tkun “**animo domini**”. Jiżdied ukoll illi kwantu għall-molestja, din tista’ tikkonsisti fi kwalunkwe att ġuridiku jew fatt materjali li jikkostitwixxi jew jimplika pretensjoni kuntrarja għall-pussess ta’ ħaddieħor.”(ara ukoll* **Michele Azzopardi v Giuseppe Farrugia** - *Kollez. XXVII. I. 622).*

Niġu għalhekk sabiex naraw jekk, mill-provi prodotti, jeżistux fil-każ in eżami, l-elementi meħtieġa sabiex tirnexxi kawża bħal din. Ġara illi f'Novembru tas-sena 2002 il-konvenut *ex admissis* daħal fir-raba indikata fiċ-ċitazzjoni, neħħa l-qsami li kien hemm, ħaratha u beda jikkoltivaha u għalqa l-entratura li kellhom l-atturi għal din l-għalqa mit-triq. Dan għamlu in sostenn tal-pretensjoni tiegħu li din l-għalqa kienet tifforma parti ntegrali mir-raba li kienet imqabbla mill-awturi fit-titolu ta' missieru Giovanni Cauchi lin-nannu ta' l-atturi, ċertu Francesco Spiteri, żmien qabel. Imma fis-sena 1982 bintu u zija ta' l-atturi preżenti, Rosaria xebba Spiteri, kienet irrinunzjat għal din il-qbiela in segwitu għall-omiċidju taż-żewġ ħutha Mikieli u Emanueli li kienu jikkoltivaw l-istess raba, u għalhekk minn dakinhar din ir-raba kienet reġgħet waqgħet f'idejn il-familja tiegħu. L-atturi jaqblu illi parti mir-raba li kienu jikkontivaw l-imsemmija zijiet tagħhom kienet f'idejhom bi

qbiela mingħand missier il-konvenut. Imma skond it-teżi tagħhom din kienet tkopri biss il-parti indikata bil-kulur aħmar fuq il-pjanta esbita bħala Dok. EV 1,[2] mentri l-parti immarkata bil-kulur aħdar fuq l-istess pjanta kienet u baqgħet dejjem f'idejn il-familja tagħhom sa minn meta ġiet akkwistata minn nannuhom l-imsemmi Francesco Spiteri fis-sena 1920.

A. **L-azzjoni trid tirrigwarda immobbli jew universalita' ta' ħwejjeġ mobbi:**

L-atturi, kif rajna, qegħdin jilmentaw li ġew immolestati fil-pussess ta' din ir-raba tagħhom billi l-konvenut qabad u daħal fiha, neħħa l-qsami u ħadimha. M'hemmx dubbju li l-kwistjoni preżenti tittratta immobbli u ċioe' l-għalqa "tal-Palma" fi Triq l-Imgarr, il-Qala, u għalhekk l-ewwel rekwiżit huwa sodisfatt.

B. **Il-pussess *animo domini* fl-attur:**

It-tieni rekwiżit huwa li l-attur ikun jinsab fil-**pussess ta' liema xorta jkun,** tal-ħaġa. Kuntrarjament għal dak li tirrikjedi l-liġi kontinentali[3], dan il-pussess m'hemmx għalfejn ikun leġittimu u lanqas jissemma xi perijodu partikolari. Imma kif ġie mfisser fil-ġurisprudenza lokali, l-pussess irid jiftiehem fis-sens mogħti mill-artiklu 524 tal-Kodiċi Ċivili. "*Il nostro leġislatore concede l'azione di manutenzione a qualunque possessore, sia esso legittimo o illegittimo, di buona o mala fede, purche' la illegittimita', cioe' la violenza, la clandestinita' e la precarieta', non sia stata operata contro il convenuto, il quale deve essere difeso come contro un ingiusto spogliatore.*"[4]

L-atturi jsostnu li l-għalqa *de quo agitur* kienet ġiet fil-pussess ta' nannuhom, l-imsemmi Francesco Spiteri, permezz ta' att ta' xiri in atti Nutar Angelo Cauchi ta' l-14 ta' Ottubru 1920, fejn dan kien akkwista *inter alia* ħames sesti (5/6) indiviżi minn "*due lenze congiunte… della*

---

[2] a fol. 92 tal-process .
[3] ara Mattirolo : Trattato di Dirito Giudizziario Civile Italiano vol. I para. 253 .
[4] Appell : Azzopardi vs Farrugia vol. XXVII. I. 622 (1930) .

*capacita' superficiale di tumolo uno, mondelli due e misure cinque…e' confinante da Tramontana con parte dello stesso fondo da acqusitarsi da Francesco Tabone, da Mezzodi' con Strada, da Levante coi beni di Giorgio Busuttil, e da Ponente con beni di Vincenzo Bugeja*."[5] Is-sest (1/6) indiviż l-ieħor jgħidu li kien ġia ta' nannuhom permezz ta' wirt.[6] Ikomplu jispjegaw illi fi żmien nannuhom din l-art kienet tinħadem bħala biċċa waħda ma' l-għalqa li kien hemm fin-naħa tal-lvant tagħha, li huwa kien ħa bi qbiela mingħand ta' Busuttil, u li sussegwentement inbiegħet lil Giovanni Cauchi, missier il-konvenut, kif soġġetta għal din il-qbiela.[7]

Wara l-mewt tan-nannu tagħhom, dawn iż-żewġ għelieqi baqgħu jinħadmu minn uliedu Mikieli u Manweli sakemm dawn inqatlu fis-sena 1981. Billi oħthom xebba, ix-xhud Rosaria Spiteri, ma kienitx imbagħad f'pożizzjoni tibqa' taħdem dan ir-raba kollu waħedha, fis-sena ta' wara rrinunzjat għall-qbiela tar-raba li kienu jikru mingħand missier il-konvenut. Il-bqija baqgħet tiġi kkoltivata minn uħud min-neputijiet tagħha u dan anke wara li din l-għalqa ġiet diviża f'erba' porzjonijiet fl-okkażżjoni tad-diviżjoni li saret fis-sena 1988 tal-beni pposseduti in komun fil-familja tagħhom.[8] Irriżulta wkoll li din l-għalqa ġiet inkluża fid-denunzja *causa mortis* li kienet saret in segwitu għall-mewt ta' l-armla ta' Francesco Spiteri.[9]

L-istess konvenut jammetti li hu daħal biex jaħdem din l-għalqa f'Novemrbu 2002.[10] Għalhekk jirriżulta li l-atturi mhux biss kellhom il-pussess fiżiku ta' l-għalqa *de quo* meta seħħew il-ħwejjeġ lamentati minnhom fiċ-ċitazzjoni, imma li dan il-pussess kien ukoll *animo domini*, billi huma

---

[5] ara kopja ta' l-att relattiv esebit a fol. 164 - 168, u kopja tar-relazzjoni peritai annessa ma' l-istess kuntratt a fol. 170 .

[6] Din l-ghalqa hija dik ikkulurita bl-ahdar fuq il-pjanta EV 1 a fol. 92 .

[7] Din l-ghalqa hija dik ikkulurita bl-aħmar fuq l-istess pjanta ; ara wkoll kopja tal-kuntratt in atti Nutar Antonio Galea tat-18 ta' Novembru 1963 esebit bhala Dok. MTS 3 a fol. 184 - 193

[8] ara kopja ta' l-att relattiv in atti Nutar Dr. Michael Refalo tat-3 ta' Gunju 1988 esebit bhala Dok. MTS 2 a fol. 173 -179 u pjanta Dok. A a fol. 180 .

[9] ara item 2 fil-kopja ta' din id-denunzja li saret minn binha Michael Spiteri fl-1.02.1977 in segwitu ghall-mewt ta' ommu Rosa li mietet fid-9.10.1976 a fol. 475 – 476 .

[10] ara Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti a fol. 13 u deposizzjoni ta' Carmelo Cauchi fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni nru 10/2003 a fol. 159 .

tant kienu jippretendu li din l-għalqa kienet tagħhom, talli aġixxew ukoll bħala proprjetarji b'mod formali, sew huma kif ukoll il-ġenituri tagħhom qabilhom, u dan sa minn meta wirtuha mingħand l-imsemmi Francesco Spiteri.

C. **Il-molestja:**

Il-**Mattirolo** jgħid f'dan ir-rigward illi:

"*Affinche vi sia molestia e' necessario un atto, arbitrario, che sia contrario alla volonta' del possessore, offenda il possesso di costui, e sia stato commesso con intenzione, ossia con la pretesa, con l'animo di negare al possessore la pienezza del suo diritto e di esercitare un diritto sulla cosa da altri posseduta. La molestia puo' essere di fatto o di diritto*."[11]

Fil-każ in eżami l-atturi qegħdin jilmentaw mill-fatt mhux kontestat li l-konvenut daħlilhom fl-għalqa *de quo*, qala' l-qsami li kienu għamlu in segwitu tad-diviżjoni ta' din l-għalqa f'erba' porzjonijiet, ħaratha u mblukkalhom l-entratura għall-istess għalqa mit-triq. Dawn l-atti mingħajr dubbju jikkostitwixxu l-molestja kontemplata mil-liġi fl-artikolu 534 tal-Kodiċi Ċivili. L-atturi permezz ta' l-azzjonijiet tal-konvenut ġew disturbati fil-pussess paċifiku tagħhom ta' din l-għalqa, li sa dakinhar kienet għadha qed tiġi kkultivata minn tnejn mill-atturi. Il-konvenut għax deherlu li għandu pretensjonijiet ta' proprjeta' fuq din l-għalqa, minflok ma ha l-passi opportuni biex jirrivendikaha mingħand l-atturi b'mod legali, deherlu li seta' jieħu l-liġi f'idejh u qabad u għamilha tiegħu. Dan huwa proprju dak li trid tissanzjona l-liġi bil-proċedura preżenti.

D. **Iż-żmien:**

Skond l-artikolu hawn imsemmi tal-liġi, din l-azzjoni trid issir fi żmien sena mill-molestja. Il-konvenuti permezz ta' l-eċċezzjoni ulterjuri tagħhom, qed jgħidu li din l-azzjoni hija "*preskritta*". Imma kif insibu fid-dottrina in materia:

---

[11] op. cit. para. 262 .

"*Fu solevato il dubbio, se il termine dell'anno sopra detto sia - perentorio, di guisa che, scaduto, il pretore debba dirsi assolutamente incompetente, all'uopo anche d'ufficio - ovvero, sia soltanto un termine di prescrizione, per modo che, compiuto, si debba bensi' dire prescritta la facolta' di promuovere l'azione davanti al pretore ma, poiche' alla prescrizione possone le parti rinunziare, ne' il giudice puo' supplire d'uffizio alla prescrizione non opposta, percio', se' dopo l'anno, l'azione fu intentata davanti al pretore, e il convenuto, anziche' opporre la prescrizione, abbia accettato la discussione sul merito, sia a dirsi avvenuta la tacita rinunzia alla prescrizione, e quindi il pretore debba giudicare della causa, ne' possa d'uffizio rilevare la propria incompetenza.*

***Noi crediamo che il termine … debba dirsi assolutamente perentorio: sicche', trascorso cessi la competenza eccezionale del pretore, e questi sia obbligato, occorrendo, di pronunziore d'uffizio la propria incompetenza***." [12]

Hekk ukoll ingħad mill-qrati tagħna fir-rigward ta' l-azzjoni ta' spoll, li wkoll għandha terminu stabilit mill-liġi, illi: "*Dwar it-tielet element, il-liġi trid li l-azzjoni għat-tneħħ ja tal-effetti ta' l-ispoll għandha tinbeda fi żmien xahrejn. Dan iż-żmien huwa meqjus bħala terminu ta' dekadenza. Bħal kull wieħed ieħor mil-elementi tal-azzjoni, dan il-fatt għandu jiġi pruvat mill-attur*." [13]

Fiċ-ċitazzjoni tagħhom l-atturi jgħidu li l-azzjonijiet lamentati seħħew f'Novembru 2002 u reġgħu rrepetew ruħhom f'Jannar sussegwenti. Kif ġia rajna l-konvenut qal f'iżjed minn okkażżjoni waħda li huwa daħal fl-għalqa *de quo* biex jagħmel il-ħwejjeġ indikati mill-atturi f'Novembru 2002. Il-kawża preżenti ġiet intavolta fis-7 ta' April 2003 u għalhekk entro t-terminu ta' sena konċess mil-liġi. In sostenn ta' din l-eċċezzjoni tiegħu l-konvenut ressaq żewġ xhieda biex jgħidu li kienu xtraw siġra tal-palm u xi kanali ta' l-ilma li allegatament kienu jinsabu fl-għalqa in

[12] Mattirolo ; Trattato di Diritto Giudiziario Civile Italiano: vol. I ed. 1902 para. 250 pag. 233; enfasi ta' din il-Qorti .
[13] Prim'Awla : Philip Gatt vs Mario Cini : 4.2.03 .

kwistjoni, u dan snin qabel ma ġiet istitwita l-kawża preżenti. Dan kollu ma jneħħi xejn pero' mill-fatt li sakemm il-konvenut daħal u għamel il-ħwejjeġ lamentati mill-atturi, din l-għalqa kienet għadha fil-pussess tagħhom u kienet qed tiġi regolarment ikkultivata minnhom, tant li l-atturi bil-kemm laħqu qalgħu l-patata li kellhom miżrugħa hemmhekk, li l-attur ma daħalx biex jagħmel l-atti ndikati.

Għal dawn il-motivi u peress li l-atturi rnexxielhom jippruvaw sodisfaċentement l-elementi kollha meħtieġa sabiex tirnexxi azzjoni bħal dik preżenti, tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tiċħad ukoll l-eċċezzjonijiet l-oħra tal-konvenuti, tilqa' t-talbiet attriċi u:

1. tiddikjara li l-konvenuti bl-aġir tagħhom ikkommettew molestja tal-pussess a dannu u bi preġudizzju ta' l-atturi, meta abbużivament daħlu u ħadmu r-raba' deskritt fiċ-ċitazzjoni u neħħew il-qsami li kien hemm jiddividu l-erba' porzjonijiet hemmhekk deskritti u għalqu wkoll l-entratura ta' l-atturi bil-ġebel;

2. konsegwentement tikkundannahom sabiex jirripristinaw lill-atturi fil-pussess ta' dan ir-raba' billi tordnalhom jiddesistu milli jibqgħu jidħlu fl-istess raba' u jħalluh a libera dispożizzjoni tagħhom, u jreġġgħu kollox kif kien għall-istat ta' qabel ma daħlu fih fit-22 ta' Novembru 2002.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tas-sentenza *in parte* tas-26 ta' Ottubru 2004, kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------